**QORTI TAL-APPELL**

**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 11 ta' Ottubru, 2019**

**Appell numru: 18/2018JVC**

**Wara sentenza tal-Ufficju tal-Arbitru (Att Dwar is-Sigurta' Socjali)**

**bin-numru: 354/18 datata 19 ta' Novembru, 2018**

**Leonard Farrugia (I.D. Nru 589158M)**

**vs.**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell intavolat minn Leonard Farrugia a tenur tal-Artikolu 109 tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali – Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta li l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

i. L-appellant Leonard Farrugia fid-29 ta' Jannar, 2018 applika mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali precizament fl-*area office* taz-Zurrieq ghall-pensjoni tal-invalidita'. L-applikazzjoni tieghu giet kompilata mit-Tabib Dr Anthony Zahra Md, MRCPsych;

ii. Permezz ta' ittra datata 25 ta' April, 2018 id-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali nforma lill-appellant Leonard Farrugia li m'huwiex intitolat ghall-pensjoni kontributorja u dan ghar raguni segwenti:

> "Skont il-bord mediku inti m'intix tbati minn xi marda serja jew inkapacita' serja korporali mentali (barra minn xi disturb jew marda mentali hafifa) kif hemm mahsub fl-artikolu 26 (1) (a) tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kap 318) tal-Ligijiet ta' Malta."

iii. Bl-ittra ta' appell redatta minn Dr Anthony Zahra Md, MRCPsych datata 14 ta' Mejju, 2018 u ntavolata fl-ufficju tal-Arbitru nhar is-16 ta' Mejju, 2018 l-appellant appella minn dik id-decizjoni tad-Direttur quddiem l-Arbitru. Permezz ta' dak l-appell, Dr Anthony Zahra Md, MRCPsych spjega s-sitwazzjoni medika tal-appellant Leonard Farrugia;

iv. Jirrizulta li saret seduta quddiem l-Arbitru nhar il-15 ta' Novembru, 2018 fejn prezenti kien hemm l-appellant Leonard Farrugia. Fl-istess seduta l-Arbitru kellu wkoll l-assistenza ta' espert mediku. Dakinhar l-appellant Leonard Farrugia xehed bil-gurament tieghu

quddiem l-Arbitru u l-espert mediku u spjega s-sitwazzjoni tieghu ta' sahha u dik lavorattiva;

v. Permezz ta' decizjoni ta' nhar id-19 ta' Novembru, 2018 l-Arbitru cahad it-talba ta' l-appellant ghall-pensjoni tal-Invalidita' billi:

> "… fic-cirkostanzi meta wiehed iqis il-kondizzjoni medika, ma jirrizultax pruvat ghas-sodisfazzjon ta' dan il-Bord li l-qaghda tal-appellanti hija wahda li tissodisfa l-estremi guridici rikjesti fil-Ligi b'dan illi jissussistu l-elementi konsistenti f'inkapacita' permanenti u/jew inkapacita' evidenti li effettivament tipprojbixxi lill-appellant, f'dana l-istadju ta' hajtu, milli jassumi mpjieg *full-time* jew *part-time* regolari u dan fit-termini ta' dak dispost fl-artikolu 26 (1) (b) tal-Att Dwar is-Sigurta' Socjali, Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta.
> Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, l-appell qieghed jigi michud."

2. L-appellant Leonard Farrugia appella mid-decizjoni tal-Arbitru u ressaq erba' (4) aggravji b'dawn ikunu s-segwenti:

i. L-Arbitru naqas milli jiehu nkunsiderazzjoni d-decizjoni tal-bord mediku li kien sab li l-appellant huwa marid mentalment pero' ma kellux marda serja jew inkapacita' serja korporali mentali kif mitlub fl-Artikolu 26 (1) (a) tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

ii. L-Arbitru naqas ukoll milli jiehu konjizzjoni tac-certifikat mediku tat-tabib tal-appellanti, Dr Anthony Zahra Md, MRCPsych. L-appellant Leonard Farrugia jaghmel referenza ghal *Global Assessment of Functioning* (*GAF*) li hija Sistema ta' puntegg li professjonisti tas-sahha mentali jutilizzaw sabiex jikklassifikaw kemm individwu jkun qieghed jiffunzjona fil-hajja tieghu ta' kuljum. L-appellanti jinsisti li bil-puntegg ta' hamsa u tletin (35) moghtija mit-tabib tieghu Dr Anthony Zahra Md, MRCPsych, il-marda tieghu ma tikklassifikax bhala *"marda mentali hafifa"*, u ghalhekk insegwitu huwa ntitolat ghall-beneficcju.

iii. L-appellanti jressaq ukoll aggravju fejn jghid li x-xoghol tieghu jirrikjedi attenzjoni u koncentrazzjoni u in vista tac-certifikat mediku rrilaxxjat minn Dr Anthony Zahra Md, MRCPsych certament ma jistax jigi kkunsidrat bhala tajjeb ghax-xoghol.

iv. Id-decizjoni ghandha tigi ddikjarata nulla u dana stante li d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali hija bbazata fuq l-Artikolu 26 (1) (a) tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li d-decizjoni tal-Arbitru hija bbazata fuq l-Artikolu 26 (1) (b) tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalhekk huma bbazati fuq disposizzjonijiet differenti tal-ligi u konsegwentament huma kontradittorji.

3. L-appellat Direttur tas-Sigurta' Socjali wiegeb ghal dan l-appell billi sottometta li huwa nfondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Fir-rigward l-aggravji d-Direttur tas-Sigurta' Socjali itrattahom wahda wahda kif isegwi:

i. Minn qari ta' dan l-aggravju l-appellant jidher li huwa konfuz rigward il-fatti u kif issir il-procedura f'dawn il-kazijiet. Huwa jissottolinea li t-tabib li evalwa l-applikazzjoni Dr Jan Chircop MD MMCFD ma kienx konvint li l-appellant kien jikwalifika taht il-parametri tal-Artikolu 26 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-fatt li l-Arbitru ma strahx fuq l-appell tat-tabib tal-appellant Dr Anthony Farrugia Md, MRCPsych ma jfissirx li ma hax in konsiderazzjoni l-appell (ic-certifikat mediku). Di piu' waqt is-seduta l-Arbitru kien assistit minn espert mediku bl-intiza li jfornih b'parir mediku u dana skont l-Artikolu 108 (4) tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

ii. A skans ta' ripetizzjoni l-appellat jaghmel referenza ghall-paragrafi precedenti. Di piu' jaghmel ukoll referenza ghall-kuncetti godda li gew issollevati quddiem din il-Qorti u li qatt ma ssemmew fi stadji precedenti u b'mod specjali ghad-dokument *Global Assessment of Functioning (GAF)* ezebit. Huwa talab li jkun hemm l-isfilz tad-dokument *GAF* li gie anness mar-rikors tal-appell.

iii. Fir-rikors tal-appell, l-appellant Leonard Farrugia jiddikjara li c-certifikat mediku rrilaxxjat minn Dr Anthony Zahra Md, MRCPsych jispecifika '*…li permezz tieghu huwa qieghed jigi ddikjarat bhala mhux fi stat illi jahdem ghall-perjodu fit-tul*'. Minn dak iddikjarat minnu stess huwa evidenti li l-appellant jista' jahdem pero' mhux ghall-hin twil.

iv. Id-Direttur tas-Sigurta' Socjali jikkonferma li huwa bbaza d-decizjoni tieghu fuq l-Artikolu 26 (1) (a) tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-Arbitru kkwota l-Artikolu 26 (1) (b) madanakollu dan kien bi zball. Jispecifika li l-Artikolu 26 jirrikjedi numru ta' rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti komulattivament u z-zewg sub-incizi tal-Artikolu 26 (1) ghandhom jinqraw ma' xulxin b'dan li meta saret referenza ghal sub-inciz u mhux ghall-iehor m'ghandux ifisser li s-sentenza hija wahda nulla.

**Ikkunsidrat:**

4. Dan l-appell jitratta applikazzjoni ntavolata mill-appellant Leonard Farrugia mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ghall-pensjoni tal-invalidita'. Id-Direttur tas-Sigurta' Socjali rrifjuta l-applikazzjoni tieghu a tenur tal-Artikolu 26 (1) (a) tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta stante li huwa ma jikklassifikax li jbati minn marda serja jew inkapacita' serja korporali mentali (barra minn xi disturb jew marda mentali hafifa).

In segwitu ghad-decizjoni msemmija, l-appellant Leonard Farrugia ressaq appell quddiem l-Ufficju tal-Arbitru. Nhar il-15 ta' Novembru, 2018 saret seduta quddiem l-Arbitru Dr Vincent Micallef li kien assistit minn espert mediku stante li dan kien kaz relatat ma' sahha (ara l-verbal fl-atti). Fis-seduta xehed l-appellant Leonard Farrugia fejn spjega li huwa jahdem ma' ST Microelectronics. Huwa stqarr li beda jbati bid-depressjoni meta fuq ix-xoghol bdew jinghataw promozzjonijiet pero' huwa beda jinqabez malgrad li kellu l-kwalifiki sabiex jiehu tali promozzjonijiet. Din

is-sitwazzjoni kiddet bil-kbir lill-appellant u halliet impatt ikrah fuqu. Fid-decizjoni tieghu l-Arbitru ghal darba ohra kkonferma d-decizjoni u ccita verbatim l-Artikolu 26 (1) (b) tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-appellant ma nstabx li jikwalifika ghall-beneficcju tal-invalidita'.

**Ikkunsidrat:**

**L-Ewwel u t-Tieni Aggravji:**

6. L-appellant Leonard Farrugia jressaq zewg ilmenti fl-ewwel u t-tieni aggravji tieghu u jesponi li l-Arbitru fil-qosor ma hax in konsiderazzjoni s-segwenti:

(i) li l-Bord mediku kien sabu li huwa marid mentalment pero' ma kellux marda serja jew inkapacita' serja korporali mentali, u

(ii) li ma hax in konsiderazzjoni c-certifikat mediku rrilaxxjat mit-tabib tieghu Dr Anthony Zahra Md, MRCPsych.

7. Din il-Qorti tissottolinea li l-fatt li l-Arbitru ma sabx lill-appellant Leonard Farrugia eligibbli ghall-beneficcju tal-invalidita', ma jfissirx li huwa ma hax konsiderazzjoni tad-decizjoni tal-bord mediku u tac-certifikat mediku. Mill-atti fil-fatt dan ma jidhirx li kien il-kaz anki ghaliex jirrizulta li l-Arbitru l-Avukat Dr Vincent Micallef fis-smiegh tal-appell kien assistit minn espert mediku waqt is-seduta ta' nhar il-15 ta' Novembru, 2018 u dana sabiex ikun hemm persuna kompetenti fil-kamp

mediku. F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Josephine Agius -vs- Direttur tas-Sigurta' Socjali** deciza mill-Imhallef Philip Sciberras nhar l-24 ta' Novembru, 2003 fejn inghad:

> "Il-fatt li f'dan il-kaz anke jekk munita b'certifikat ex-parte ta' Psikjatra kwalifikat ma rnexxilhiex twassal lill-bord tat-tobba biex jaghtu gharfien u jaccettaw il-kondizzjoni allegatament kronika taghha ma jfissirx illi b'daqshekk il-Bord jigi akkuzat b'indagini superficjali u ngusta. Akkuza li mill-atti fil-verita' ma jirrizultax li kien hekk il-kaz. Lanqas, imbaghad, ma kien mistenni li l-appellanti tintilef f'dijatriba kontra l-istess panel ta' tobba sempliciment ghax ir-rizultanzi tieghu ma kienitx kif xtaqithom jew ippretendiet hi. Fir-rigward din il-Qorti bhalma dejjem ghamlet tikkundanna fi skritturi quddiemha l-uzu ta' certa frazejologija u ghazla ta' kliem li l-istess ligi ta' procedura tikkundanna bhala mproprji u oggezzjonabbli."

8. In oltre tant mhux minnu dak allegat mill-appellant fl-aggravji tieghu illi fl-istess decizjoni jinghad li l-arbitru 'ra d-decizjoni tal-Bord Mediku' kif ukoll il-konkluzjoni taghhom kif ukoll gie dikjarat li l-arbitru ra d-dokumenti kollha nseriti fil-process. Harsa lejn il-process anness mal-atti odjerni tevidenzja li c-certifikat mediku redatt minn Dr. Anthony Zahra fil-fatt jinsab fil-process w'ghaldaqstant m'hemmx dubju li l-arbitru ha konjizzjoni tieghu.

9. Illi fid-decizjoni tieghu l-Arbitru fil-fatt irrikonoxxa li s-sitwazzjoni bejn l-appellant u l-'employer' tieghu certament kiddet bil-kbir u halliet impatt fuq l-appellant izda l-Arbitru kif mghejjun mill-espert

mediku wasal ghall-konkluzjoni li dan kollu ma kienx irendi l-appellant inkapaci li jaghmel xoghol iehor regolari 'full-time' jew 'part-time' kif trid il-ligi u huwa biss jekk tirrizulta din l-inkapacita' li l-appellant kien ikun eligibbli ghall-beneficcju msemmi.

10. Illi b'referenza partikolari ghat-tieni aggravju li huwa bbazat fuq interpretazzjoni ta' dokument esebit fi stadju ta' appell u cioe' d-dokument imsejjah *Global Assessment of Functioning (GAF)* il-Qorti tirrileva li l-appellat Direttur tas-Sigurta' Socjali fil-paragrafu 19 tar-risposta tieghu kif ukoll fil-verbal tal-14 ta' Gunju, 2019 talab l-isfilz tieghu.

Dwar dan l-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni Enemalta -vs- V & C Contractors Ltd.** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-22 ta' Jannar, 2010 fejn inghad:

> "In linea ta' principju generali hu accettat illi d-disponibilita' u l-produzzjoni tal-provi, sija testimonjali, sija dokumentali, hu mholli fl-inizjattiva tal-partijiet fil-litigju, u, anzi, hu in virtu ta' dan il-principju u tal-provi proposti li l-gudikant jibbaza finalment id-decizjoni tieghu. Taht dan l-aspett hi sew nutrita certa gurisprudenza tal-Qrati taghna li trid u tghid illi meta prova dokumentali ma tingiebx fl-ewwel istanza u fiz-zmien li kellha titressaq mhux permissibbli l-produzzjoni taghha fl-istadju ta' appell mis-sentenza. Ara, fost ohrajn, **Carmela Zammit -vs- Salvatore Mifsud**, Appell Inferjuri, 20.033.1954 u **Sac. Michele Zammit -vs- Parr. A. Tabone et** Appell Civili, 12.12.1919."

Fid-dawl ta' dan l-insenjament u stante li l-Qorti m'awtorizzat l-ebda prezentata tieghu, il-Qorti mhux sejra tiehu in konsiderazzjoni d-dokument esebit quddiem din il-Qorti li seta' facilment gie prodott quddiem l-Arbitru u tordna l-isfilz tieghu.

11. Dwar dan l-aggravju izda l-Qorti zzid li mill-atti jirrizulta li filwaqt li Dr. Anthony Zahra ta 35 punt lill-kundizzjoni tal-appellant (kif jidher mic-certifikat datat 16 ta' Mejju, 2018), il-Bord Mediku jirrizulta li ta biss 10 punti (cioe' ferm anqas) w'ghalhekk l-applikazzjoni tal-appellant giet rifjutata. Konsegwentement din regghet giet rifjutata mill-Arbitru li kien assistit minn espert mediku fis-smiegh tal-appell (ara l-verbal datat 15 ta' Novembru, 2019). Din il-Qorti rinfaccjata b'zewg istanzi fejn esperti mhux *ex parte* taw punti anqas minn tabib *ex parte* tal-appellant ma tqisx li ghandha l-bazi mill-atti sabiex tvarja l-konkluzjoni li l-appellant ghandu jigi attribwit anqas punti minn dawk moghtija lilu mit-tabib psikjatriku personali tieghu. Jinghad li l-Arbitru (li kif gia nghad kien assistit minn espert mediku) kellu l-opportunita' li jisma u jezamina l-komportament tal-appellant Leonard Farrugia meta xehed viva-voce quddiemu. Din il-Qorti li hija qorti ta' revizjoni, mhux sejra tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-Arbitru meta dan wara kollox kellu l-opportunita' li jisma' huwa l-provi.

12. Illi l-Qorti zzid li dak suespost, ghalkemm iwassal lil din il-Qorti ghac-cahda tal-ewwel u t-tieni aggravji mqajjma mill-appellant, ma jfissirx li jeskludi rimedji ohra fil-ligi li jista' jkollu l-appellant fil-konfront tal-'employer' stess taht il-Kap. 452 Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz li dan huwa

applikabbli. Din il-Qorti kif adita b'dan l-appell izda ma ghandhiex il-gurisdizzjoni li tidhol fil-kwistjoni bejn l-appellant u l-'employer' tieghu.

**It-Tielet Aggravju:**

13. Illi t-tielet aggravju tal-appellant jirrigwarda l-ilment tieghu illi x-xoghol prezenti tieghu jirrikjedi attenzjoni u koncentrazzjoni u skont l-appellant dan l-istat mentali kif hekk iccertifikat ma jippermettix li l-appellant jaghmel xoghlu bl-attenzjoni u l-koncentrazzjoni rikjesta.

Illi jidher minn dak suespost li l-punt li qed jisfuggi lill-appellant huwa li sabiex jikwalifika ghall-beneficcju mitlub minnu hu jrid jigi certifikat li mhux kapaci jahdem 'full-time' jew 'part-time' irrilevanti mill-post tax-xoghol, filwaqt li fl-atti rrizulta li huwa *se mai* ghandu problemi biex jahdem fil-post tax-xoghol partikolari fejn jinsab. Xejn mill-atti ma jevidenzja li l-appellant mhux kapaci jsib xoghol iehor x'imkien iehor fejn ma jkunx trattat bil-mod li qed jallega presentement. Anki f'dan ir-rigward il-Qorti terga' temfasizza li ghalkemm hija ma ghandhiex alternattiva ghajr li tichad dan l-aggravju, xejn ma jwaqqaf lill-appellant milli jiehu passi ohra fil-konfront tal-'employer' kif ndikat akar-il fuq.

**Ir-Raba' Aggravju:**

14. Illi l-Artikolu 26 (1) sub-incizi (a) u (b) tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta jaqraw kif isegwu:

(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, persuna għandha tkun intitolata għall-Pensjoni għall-Invalidità jew għall-Pensjoni Miżjuda għall-Invalidità jew għall-Pensjoni Minima Nazzjonali skont l-artikolu 50 jew għall-Pensjoni Minima Nazzjonali Garantita skont l-artikolu 50A, kif ikun il-każ, b'waħda mir-rati speċifikati fit-Tnax-il Skeda jekk:

(*a*) dik il-persuna tkun inkapaċi, skont dan l-Att, għall-impjieg *full-time* jew impjieg *part-time* regolari jew li taħdem għaliha nnifisha minħabba marda serja jew ħsara fiżika jew mentali (minbarra marda mentali ħafifa jew xi disturb) għal mhux inqas minn sitt xhur li jiġu minnufih qabel it-talba tagħha jew meta dik il-persuna m'hix intitolata għall-benefiċċju li jitħallas skont l-artikolu 18, għal dak il-perjodu iqsar li jiġi minnufih qabel dik it-talba skont ma d-Direttur jista' jistabbilixxi; u

(*b*) l-inkapaċità tagħha kif imsemmi hawn qabel titqies mid-Direttur, li jaġixxi fuq il-parir ta' persuna waħda jew aktar li jkollhom *warrant* li jeżerċitaw il-professjoni medika u li jkunu maħturin mill-Ministru għall-fini li jagħtu parir fuq każijiet bħal dawk skont l-artikolu 106, li tkun ta' natura permanenti, jew, jekk il-permanenza tagħha ma tistax tiġi stabbilita definittivament, titqies mid-Direttur wara konsultazzjoni kif provdut fl-artikolu 106, li tipprojbixxi lil dik il-persuna milli jkollha mpjieg *full-time* jew impjieg *part-time* regolari jew li taħdem għaliha nnifisha għal mhux inqas minn sena mid-data

tat-talba ghal dik il-pensjoni u dik il-persuna tkun intitolata biss li tirċievi pensjoni taht dan l-artikolu ghal dak l-ghadd ta' snin skont ma d-Direttur jista' jistabbilixxi;

15. Illi l-appellant Leonard Farrugia permezz tar-raba' aggravju tieghu jitlob li d-decizjoni tal-Arbitru tad-19 ta' Novembru, 2018 tigi ddikjarata nulla stante li skont hu d-decizjoni tal-Arbitru u dik tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali huma bbazati fuq zewg disposizzjonijiet tal-ligi differenti u ghalhekk huma kontradittorji.

16. Din il-Qorti rat id-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datata 25 ta' April, 2018 u d-decizjoni tal-Arbitru datata 19 ta' Novembru, 2018 li entrambi jinsabu fil-process tal-Arbitru allegat ma' din il-kawza. Malgrad li l-Arbitru ccita l-Artikolu 26 (1) ittra (b) bhala d-disposizzjoni tal-ligi li fuqha l-appellant Leonard Farrugia mhux eligibbli ghall-beneficcju, minn qari akkurat ta' din id-decizjoni wiehed jinnota li l-izball jinsab biss fl-ittra. Dan qieghed jinghad ghaliex il-kliem uzat fid-decizjoni tal-Arbitru Dr Vincent Micallef huwa l-istess kliem uzat fid-disposizzjoni tal-Artikolu 26 (1) ittra (a) u mhux (b). Probabbilment li gara huwa li meta l-Arbitru gie sabiex inizzel l-ittra tas-sub-inciz tal-Artikolu 26 (1) flok kiteb l-ittra (a) huwa nizzel l-ittra (b) izda huwa car lil din il-Qorti li fid-decizjoni tieghu l-Arbtiru kien qed japplika l-artikolu 26 (1) (a) u mhux (b).

Din il-Qorti tqis li zball klerikali ovvju zgur li ma jwassalx ghan-nullita' tad-decizjoni tenut kont li l-izball jinsab fil-ittra u mhux fil-ligi kkwotata

u li a bazi taghha l-Arbitru wasal ghad-decizjoni tieghu. Ghal dawn ir-ragunijiet ir-raba' aggravju tal-appellant ukoll ma jisthoqqx li jigi milqugh.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell billi tichad l-aggravji kollha tal-appellant u tikkonferma d-decizjoni appellata datata 19 ta' Novembru, 2018.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur appellant.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

D/Registratur